# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 2: Alla Jaħdem fl-Istorja**

**Lezzjoni 2.5: Kienu bnedmin bħalna**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-kwalitajiet li kellu David u eroj Oħrajn li semmejna.
2. Jifhmu l-umanità fil-persuni u kif Alla xorta jinqeda b'kulħadd.
3. Jagħrfu kif Alla xorta baqa' jħobbhom għax hu leali. Aħna wkoll għandna nkunu leali lejn Alla.
4. Isiru midħla tal-istorja taż-żagħżugħ għani (Mt. 19, 16-26).

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Powerpoint: kelma 'kwalitajiet', 'djufijiet'.
- Storja: Iż-żagħżugħ Għani (Luqa 18: 18-25) jew klipp: http://www.youtube.com/watch?v=PtuIebbqFNY
- IWB: Vortex activity: Main keywords: 'kwalita'' 'vizzju' bil-kliem taħt: għażż, traskuraġni, kuraġġ, bullying, ordni, pulit, diżordni, rabja, rispett, fiduċja, ħniena u tgerfix.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda billi tagħmel reviżjoni tal-kelma 'kwalitajiet' u ħalli lit-tfal jagħtu l-verżjonijiet tagħhom biex tara x'jiftakru.
- Fakkar li 'kwalita' hija xi ħaġa sabiħa fil-bniedem li jekk tiġi żviluppata tgħin lill-istess bniedem isir aħjar u jgħin lill-ambjent ta' madwaru.
- Uri l-kelma 'djufijiet'. Oħloq diskussjoni dwar din il-kelma.
- Wassal għall-punt li l-kwalitajiet iwasslu għall-għaqal u d-djufijiet iżommuna lura milli nikbru u jsiru vizzju.
- Spjega l-kelma 'vizzju'. Drawwa li mhix tajba li tagħmilha u tibqa' tagħmilha u twasslek biex ma ssirx aħjar milli int, anzi ssir agħar.

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)



- Iftaħ l-attivita' fuq l-IWB u l-istudenti jridu Jpoġġu l-kliem f'postu, skond jekk hux kwalita' Jew vizzju.
- Stieden lill-istudenti jgħidu għaliex il-kelma li għażlu taqa' taħt dik il-kategorija.
- Uri l-vidjow klipp taż-żagħzugħ għani.
- Spjega li dan huwa episodju veru mill-ħajja ta' Ġesu' u ħalli lill-istudenti jaraw din il-klipp.
- Wara permezz ta' dawn il-mistoqsijiet oħroġ il-karattru taż-żagħżugħ u l-imġiba ta' Ġesu' lejh.

Mistoqsijiet:

- Kif tiddiskrivih liż-żagħżugħ għani?
- X'kellu kontra tiegħu?
- X'naqas li għamel?
- X'kellu jagħmel biex ikun leali lejn dak li kien qed iħoss? (jieqaf u jaħseb; ma tantx jibni fuq dak li kellu; il-kumdita' żejda ma tgħinx).

- Enfasizza l-punt li biex inkunu leali, rridu nwarbu l-egoiżmu, naraw x'hemm bżonn li jsir u nkunu sodi u ma nibżgħux mit-tbatija.
- Ikteb din is-sentenza fuq l-IWB li hi meħuda mill-ktieb tal-Ekleżjastiku (wieħed mill-kotba tal-Bibbja), Kap 5 Vers 4.

  "Aħjar ma tagħmel l-ebda wegħda milli tonqos li twettaqha".
- Staqsi lill-istudenti x'tgħidilhom din is-sentenza u spiċċa billi tispjega li tajjeb li dak li hemm bżonn li nagħmlu, nagħmluh.  Bil-paroli biss ma nagħmlu xejn.
- Agħlaq billi l-istudeni jirriflettu għal ftit ħin fuq dan il-punt u jaqsmu mal-oħrajn xi ħsibijiet li jiġuhom:

  "li biex inkunu leali, rridu nwarbu l-egoiżmu, naraw x'hemm bżonn li jsir u nkunu sodi u ma nibżgħux mit-tbatija."

## Nikbru flimkien (punti tal-lezzjoni)



1. David kien ragħaj u ġie midluk sultan mill-Profeta Samwel.
2. Hu laħaq sultan wara Sawl. Dan Sawl kien jobogħdu u kemm-il darba fittxu biex joqtlu.
3. Meta kien re, David għamel dnub kbir. Hu qatel suldat biex jieħu l-mara tiegħu.

4. Alla ma ħax gost u David kellu jieħu l-kastig li kien ħaqqu. David beka dnubietu u lil Alla talbu jaħfirlu u Alla ħafirlu.
5. David kiteb ħafna salmi lil Alla. Dawn is-salmi kien juri adorazzjoni, tifħir, ringrazzjamnet, ħniena u sogħba.
6. Meta wieħed jinduna bl-iżbalji tiegħu u jirripara, Alla jaħfer u jinsa l-iżbalji tagħna.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- li biex inkunu leali, rridu nwarbu l-egoiżmu, naraw x'hemm bżonn li jsir u nkunu sodi u ma nibżgħux mit-tbatija.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Vidjow klipp taż-żagħżugħ għani http://www.youtube.com/watch?v=PtuIebbqFNY



## Nitolbu

Sinjur Alla, għinni ma nibżax nagħmel dak li hu sew avolja dan ifisser li rrid inċedi xi affarijiet li nkun nixtieq nagħmel.

